DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Lulju 2013

li tawtorizza lill-Istati Membri li tipprevedi għal derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward patata, barra l-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina fir-reġjuni Akkar u Bekaa tal-Libanu

(notifikata bid-dokument C(2013) 4683)

(2013/413/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt (12), tal-Parti A tal-Anness III tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' patata, barra l-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina mil-Libanu. Skont l-Artikolu 15(1) ta' dik id-Direttiva, madankollu, jistgħu jingħataw derogi minn dik il-projbizzjoni jekk ma jkunx hemmx riskju ta' tifrix ta' organiżmi ta' ħsara.

(2) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 25.2 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-patata sakemm ma toriġinax f'pajjiżi magħrufa li huma ħielsa mill-*Clavibacter michiganensis* (Smith) Davis *et al*. ssp. *sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Davis *et al*. minn hawn 'il quddiem "l-organiżmu ta' ħsara konċernat", jew li japplikaw id-dispożizzjonijiet rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dispożizzjonijiet tal-Unjoni għall-ġlieda kontra dak l-organiżmu. Il-Libanu ma jissodisfax dawn il-kondizzjonijiet. Skont l-Artikolu 15(1) ta' dik id-Direttiva, madankollu, jistgħu jingħataw derogi minn dik il-projbizzjoni jekk ma jkunx hemmx riskju ta' tifrix ta' organiżmi ta' ħsara.

(3) L-informazzjoni mogħtija mil-Libanu u miġbura fil-pajjiż matul missjoni mwettqa f'Marzu 2006 mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, u l-informazzjoni sussegwenti pprovduta mil-Libanu, uriet li l-patata, barra dik il-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina mir-reġjuni ta' Akkar u Bekaa titkabbar skont kondizzjonijiet fitosanitarji adegwati.

(4) Għalhekk, għandha tiġi permessal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' patata, barra mill-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina fir-reġjuni Akkar u Bekaa mil-Libanu kemm-il darba din tissodisfa l-kondizzjonijiet li jassiguraw li l-organiżmu ta' ħsara konċernat ma jkunx preżenti fuq il-patata meta tiġi introdotta fit-territorju tal-Unjoni. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jikkonċernaw il-produzzjoni f'żoni ħielsa mill-organiżmu ta' ħsara konċernat, it-twettiq ta' stħarriġiet ta' dawk iż-żoni, il-produzzjoni minn żerriegħa tal-patata ċċertifikata, it-tqandil, il-ħżin, l-imballaġġ u r-rekwiżiti tat-tħejjija.

(5) Il-patata għandha tiġi introdotta fl-Unjoni minn punti tad-dħul magħżula, biex jiġu żgurati kontrolli effettivi u tnaqqis ta' kwalunkwe riskju fitosanitarju.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' spezzjoni sabiex jiġu żgurati l-kontrolli tar-riskju fitosanitarju. Għandu jiġi stabbilit jekk it-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar għandhomx jitwettqu skont l-iskema eżistenti tal-ittestjar stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE tal-4 ta' Ottubru 1993 dwar il-kontroll tat-tħassir forma ta' ċirku tal-patata [2].

(7) Il-patata għandha tiġi introdotta u ttrasportata biss fl-Unjoni jekk tkun ittikkettata kif xieraq b'tali mod li jiġu indikati l-oriġini Libaniża u informazzjoni rilevanti oħra, bil-għan li din il-patata ma titħalliex titħawwel u biex ikunu żgurati l-identifikazzjoni u t-traċċabilità tal-patata.

(8) L-Istati Membri għandhom, wara kull staġun tal-importazzjoni, jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet li jkunu saru, sabiex l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tkun tista' tiġi vvalutata.

(9) Id-deroga għandha tkun għal perjodu limitat.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni biex tingħata deroga

B'deroga mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 12 tal-Parti A tal-Anness III ta' dik id-Direttiva, u mill-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva flimkien mal-punt 25.2. tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-introduzzjoni fit-territorju tagħhom tal-patata, kif stabbilit fil-Punt 12 tal-Parti A tal-Anness III ta' dik id-Direttiva, (minn hawn 'il quddiem: "patata") li toriġina fir-reġjuni ta' Akkar jew Bekaa tal-Libanu, li tissodisfa il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

[2] ĠU L 259, 4.10.1993, p. 1.

Artikolu 2

Ċertifikat fitosanitarju

Iċ-ċertifikat fitosanitarju, kif stabbilit fl-Artikolu 13a(3) tad-Direttiva 2000/29/KE, għandu jinħareġ fil-Libanu. Taħt "Dikjarazzjoni addizzjonali", dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni "Skont ir-rekwiżiti tal-UE stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/413/UE";

(b) in-numru tal-lott;

(c) l-isem taż-żona ħielsa mill-pest fit-tifsira tal-punt (1) tal-Anness.

Artikolu 3

Punti ta' dħul

1. Patata koperta minn awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 1 tista tiddaħħal biss fl-Unjoni minn punt tad-dħul, magħżul għal tali introduzzjoni mill-Istat Membru li fih ikun jinsab il-punt tad-dħul.

2. Il-punti ta' dħul u l-isem u l-indirizz tal-korp uffiċjali responsabbli msemmi fid-Direttiva 2000/29/KE inkarigat minn kull punt ta' dħul għandhom jiġu notifikati mill-Istat Membru lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u l-Libanu.

Artikolu 4

Spezzonijiet mill-Istati Membri

1. Minn kull lott tal-kunsinna, għandhom jittieħdu kampjuni għall-eżaminazzjoni uffiċjali fir-rigward tal-*Clavibacter michiganensis* (Smith) Davis *et al.* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann and Kotthoff) Davis *et al.*, minn hawn' il quddiem "l-organiżmu ta' ħsara konċernat". Kull kampjun għandu jkun magħmul tal-anqas minn 200 tuberu. Fil-każ li lott jaqbeż il-25 tunnellata metrika, għandu jittieħed kampjun għal kull 25 tunnellata u, barra minn hekk, għall-parti li tibqa' tal-lott.

2. Il-korpi uffiċjali responsabbli għandhom jagħmlu eżami viżwali tal-kampjuni għal sintomi tal-organiżmu ta' ħsara konċernat fuq tuberu maqtugħ.

Matul dak l-eżami, il-lottijiet kollha tal-kunsinna konċernata għandhom jibqgħu taħt kontroll uffiċjali u ma għandhomx jiġu mċaqilqa jew użati.

3. Fil-każ li s-sintomi tal-organiżmu ta' ħsara konċernat jiġu identifikati waqt l-eżami msemmi fil-paragrafu 2, għandhom jitwettqu testijiet, li jiddeterminaw jekk l-organiżmu ta' ħsara konċernat ikunx preżenti, skont il-punt 1.1. u l-punti 4. sa 10. tal-Anness I tad-Direttiva 93/85/KEE.

Filwaqt li dawk it-testijiet jitwettqu, il-lottijiet kollha tal-kunsinna konċernata, u l-kunsinni l-oħrajn kollha li fihom lott li joriġina mill-istess żona ħielsa mill-pest u li jinsabu taħt il-kontroll tal-korp uffiċjali responsabbli konċernat, għandhom jibqgħu taħt il-kontroll uffiċjali, u ma għandhomx jiġu mċaqilqa jew użati.

4. Fejn tiġi kkonfermata l-preżenza ta' organiżmu ta' ħsara konċernat f'kampjun skont il-paragrafu 3, kwalunkwe fdal tal-estratt tal-patata għandu jinżamm u jiġi kkonservat kif xieraq u l-lott konċernat ma għandux jiddaħħal fl-Unjoni.

Il-kumplament tal-lottijiet kollha msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jiġi ttestjat skont il-punt 1.1. u l-punti 4. sa 10. tal-Anness I tad-Direttiva 93/85/KEE;

5. Fir-rigward ta' lottijiet li fil-kampjuni tagħhom ma jinsabilhom l-ebda sintomu ta' organiżmu ta' ħsara konċernat matul l-eżami msemmi fil-paragrafu 2, għandhom jitwettqu testijiet għal infezzjoni moħbija fuq il-lottijiet kollha skont il-punt 1.2 u l-punti 3. sa 10. tal-Anness I tad-Direttiva 93/85/KEE;

Matul l-ittestjar dak il-lott għandu jibqa' taħt il-kontroll uffiċjali u ma għandux jiġi mċaqlaq jew użat.

Fejn il-preżenza ta' organiżmu ta' ħsara konċernat tiġi konfermata f'kampjun kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kwalunkwe fdal tal-estratt tal-patata għandu jinżamm u jiġi kkonservat kif xieraq u l-lott konċernat ma għandux jiddaħħal fl-Unjoni.

Artikolu 5

Notifika ta' suspett jew sejbiet konfermati

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lil-Libanu bil-każijiet fejn hija ssusspettata l-preżenza ta' organiżmu ta' ħsara konċernat bħala riżultat ta' test ta' skrining rapidu, kif imsemmi fil-punt 1.1 tal-Anness I tad-Direttiva 93/85/KEE, jew it-test ta' skrining kif imsemmi fil-punt 1.2 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lil-Libanu bil-każijiet fejn hija kkonfermata l-preżenza ta' organiżmu ta' ħsara konċernat skont il-punti 1.1 u 1.2 tal-Anness I tad-Direttiva 93/85/KEE;

Artikolu 6

Ittikkettar

1. Il-patata għandha tiddaħħal u tiġi ttrasportata biss fl-Unjoni b'tikketta, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, li tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) indikazzjoni li toriġina mil-Libanu;

(b) l-isem taż-żona ħielsa mill-pest;

(c) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni tal-produttur;

(d) in-numru tal-lott;

2. It-tikketta msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinħareġ taħt il-kontroll tal-organizazzjoni Libaniża tal-protezzjoni tal-pajnti.

Artikolu 7

Ir-rimi tal-iskart

L-iskart li jirriżulta minn imballaġġ jew l-iproċessar tal-patata fl-Unjoni għandu jintrema b'tali mod li jiġi żgurat li l-organiżmu ta' ħsara konċernat ma jistax jistabbilixxi u jinfirex.

Artikolu 8

Notifika tal-obbligi tal-importaturi

1. L-importatur għandu, suffiċjentement bil-quddiem, jgħarraf lill-korp uffiċjali responsabbli tal-punt tad-dħul fl-Istat Membru konċernat bl-intenzjoni tiegħu li jdaħħal il-kunsinna.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-elementi li ġejjin:

(a) Il-kwantità tal-kunsinna(i) konċernat(i);

(b) Id-data prevista tal-introduzzjoni;

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur.

Artikolu 9

Irrapurtar dwar l-importazzjonijiet

L-Istat Membru li jimporta għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-ammonti filwaqt li jindika l-lottijiet, il-kunsinni u t-tunnellati, importati skont din id-Deċiżjoni bejn l-1 ta' Jannar tas-sena ta' qabel u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Artikolu 10

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 11

Data ta' skadenza

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2015.

Artikolu 12

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

IR-REKWIŻITI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-patata li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (1) sa (9).

(1) **Żoni ta' produzzjoni**

Il-patata tiġi kkoltivata fir-reġjuni Akkar jew Bekaa f'żoni li ġew uffiċjalment iddikjarati mill-organizzazzoni Libaniża tal-protezzjoni tal-pajnti, skont l-Istandard Internazzjonali għal Miżuri Fitosanitarji Nru 4 dwar ir-rekwiżiti għall-istabbiliment ta' żoni ħielsa mill-pest ([1]), li huma ħielsa mill-organiżmu ta' ħsara konċernat ("żoni ħielsa mill-pest") u kkomunikati mil-Libanu lill-Kummissjoni kull sena.

(2) **Stħarriġ ta' żoni ħielsa mill-pest**

Żoni ħielsa mill-pesti huma suġġetti għal stħarriġ annwali sistematiku u rappreżentattiv biex jiġi identifikat l-organiżmu ta' ħsara konċernat, imwettaq mill-awtoritajiet Libaniżi, matul il-ħames snin ta' qabel il-produzzjoni u matulha.

L-istħarriġ iseħħ fuq l-għelieqi tal-patata li jinsabu f'żoni ħielsa mill-pest, u fuq il-patata maħsuda f'dawk iż-żoni.

L-istħarriġ għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) spezzjonijiet viżwali tal-għelieqi matul l-istaġun li fih tikber il-veġetazzjoni;

(b) eżami viżwali tal-patata maħsuda għal sintomi ta' organiżmu ta' ħsara konċernat fuq tuberu maqtugħ;

(c) ittestjar fil-laboratorji fuq patata sintomatika u asintomatika.

L-istħarriġ ma juri l-ebda sejba tal-organiżmu li jagħmel il-ħsara konċernat jew l-ebda evidenza oħra li tista' tindika li ż-żona mhix żona ħielsa mill-pest fit-tifsira tal-punt (1). Ir-riżultati tal-istħarriġ jingħataw lill-Kummissjoni ġaladarba ssir talba għalihom.

(3) **Produtturi**

Il-patata titkabbar minn produtturi reġistrati mill-organizzazzjoni Libaniża tal-protezzjoni tal-pajnti.

(4) **Il-produzzjoni minn żerriegħa tal-patata ċċertifikata**

Il-patata tissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) titkabbar minn żerriegħa tal-patata ċċertifikata fl-Unjoni u importata fil-Libanu minn hemm;

(b) titkabbar minn żerriegħa tal-patata importata fil-Libanu minn pajjiż terz jew partijiet tiegħu, li għalihom, id-dħul fl-Unjoni taż-żerriegħa tal-patata mhux ipprojbit skont l-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE, u tiġi ċċertifikata f'dak il-pajjiż terz.

(5) **Għelieqi ta' produzzjoni**

Il-patata titkabbar f'għelieqi fejn l-ebda patata, minbarra dik imsemmija fil-punt 4, ma tkabbret matul il-ħames snin ta' qabel.

(6) **Tqandil**

Il-patata titqandel bl-użu ta' makkinarju li jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jintuża biss biex iqandel il-patata li tissodisfa l-punti 1 sa 5;

(b) fil-każ li jkun intuża għal finijiet minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a), li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'mod xieraq qabel ma jiġi użat għall-finijiet imsemmija fil-punt (a).

([1]) ISPM 4. 1995. Rekwiżiti għall-istabbiliment ta' żoni ħielsa mill-pest. Ruma, l-IPPC, FAO.

(7) **Il-ħażna**

Il-patata tinħażen f'faċilitajiet ta' ħażna li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn huma użati biss għall-ħażna tal-patata li tissodisfa il-punti (1) sa (6);

(b) fil-każ li jintużaw għal għanijiet oħra minn dawk imsemmija fil-punt (a), dawn ikunu suġġetti għal miżuri xierqa tal-iġjene qabel ma jintużaw għall-finijiet imsemmija fil-punt (a).

(8) **Imballaġġ**

Il-materjal tal-imballaġġ użat għall-patata huwa jew ġdid jew imnaddaf u ddiżinfettat.

(9) **Preparazzjoni tal-patata u l-lottijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni**

Il-patata tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-preparazzjoni tagħha:

(a) Hija ħielsa minn ħamrija, weraq u debris ieħor ta' pjanti;

(b) din hija ppreżentata għall-introduzzjoni fl-Unjoni bħala lottijiet, kull lott hu magħmul minn patata prodotta minn produttur wieħed u maħsuda f'żona unika kif speċifikat fil-punt 1; kif ukoll

(c) tinsab f'borož, f'pakketti jew f'kontenituri oħrajn, li kull waħda minnhom tkun ittikkettata skont l-Artikolu 6.